MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 783/2007

**Maltacom p.l.c. u skond digriet tat-3 ta' Dicembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c." jinbidel ghal GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Carmelo Sammut I.D. 327651(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Ottubru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sitt Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€506.29) ekwivalenti ghal mitejn u sbatax Liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm217.35) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fit-13 ta' Mejju 2008 mis-socjeta` attrici sabiex il-bilanc rimanenti x'jithallas lis-socjeta` attrici issa gie jaqra disa` u ghoxrin centezmu (€0.29) stante illi t-talba originali giet ridotta b'hames mija u sitt Euros (€506).

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin centezmu (€0.29) ekwivalenti ghal tnax il-centezmu Maltin(Lm0.12), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------